# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2016**

Kawza Numru: 66/2016JB

Numru: 70

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

***vs***

**Fiona Psaila Avgerinos (K.I.: 365580M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar il-25 ta' Frar 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, mija u disgha u ghoxrin euro u tnejn u tmenin centezmu (€1,129.82) liema somma tirraprezenta drittijiet dovuti lis-Socjeta Attrici in konnessjoni ma' servizzi u prodotti relatati ma' telekomunikazzjoni;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha inkluz l-affidavit tar-rapprezentant tas-Socjeta Attrici, l-Avukat Jeremy Debono (a fol 2) fejn ikkonferma t-talba attrici;

Ra li ghad li gie debitament notifikata bl-atti, il-Konvenuta ma kkontestatx il-kawza;

Ra li ghad li t-Talba kienet appuntata ghas-seduta tal-lum, deheret biss l-avukat tas-Socjeta Attrici li ddikjarat li mghandhiex aktar provi xi tressaq;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi

espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenuta – ghad li debitament notifikata – naqset milli tipprezenta risposta kif ukoll naqset milli tidher ghas-seduta. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €1,129.82 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mis-27 ta' Awissu 2016, data meta l-Konvenuta titqies li giet notifikata bl-atti tal-kawza. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*